**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 26 – 5 ta' Diċembru 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 26. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Cain Grech | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti introduċa lis-sinjorina Angelique Borg li hija l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ta' Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku spjega r-rwol tal-ambaxxatur.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 25 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 25 jiġu approvati hekk kif preżentati. Hi ġiet issekondata mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (115).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Philip Said ta' rendikont lill-Kunsill tal-attività Healthfest. Huwa qal li jinsab sodisfatt bil-mod kif ġiet kordinata din l-attività. Il-Kunsillier Said qal li jiftakar li meta beda l-ħidma tiegħu f' dan id-dekasteru, is-Segretarju kien ġibidlu l-attenzjoni li ma tantx kienet saret ħidma f' dan is-settur fil-leġislaturi preċedenti u għalhekk jinnota b' sodisfazzjon li fl-aħħar snin dan in-nuqqas ġie ndirizzat. Il-Kunsillier Said kompla jgħid li d-Direttorat tad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa u dak tal-għoti tad-demm bagħtu jirringrazzjaw lill-Kunsill tal-għajnuna tiegħu u huwa kien diġa għadda dawn ir-ringrazzjamenti lis-Sindku u lis-Segretarju. Il-Kunsillier Said spjega kif fil-preparazzjoni għal din l-attività l-Kunsill kellu jaħseb għal post alternattiv fejn isir l-għoti tad-demm minħabba xi ħsara fil-mobile unit, iżda b' xorti tajba dawn il-ħsarat ġew imsewwija. Il-Kunsillier Philip Said kompla jgħid li ċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm kienu sodisfatti ħafna bl-ammont ta' demm li nġabar. Il-Kunsillier Philip Said ikkonkluda wkoll billi qal li l-fun walk li ġiet organizzata kienet suċċess ukoll.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar attività oħra li saret fl-istess ġurnata, fejn kien hemm min inqeda b' Dun Karm Psaila biex itellaq għaqda fantażma li kumbinazzjoni għamlet l-ewwel attività tagħħa fl-istess ġurnata li kien hemm attività tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li promoturi ta' din l-NGO ġdida bl-isem ta' Fondazzjoni Patrimonju Żebbuġi kienu talbu permess biex jagħmlu attività fl-istess ġurnata tal-Ħealthfest, liema permess ġie rrifjutat fid-dawl tal-attività tal-Kunsill. Is-Sindku qal li agħar minn hekk dawn komplew għaddejjin bl-attività xorta ġewwa s-sala tal-każin 12th May u stiednu lill-Ministru Helena Dalli li minn naħa tagħha wara l-attività ċemplet lis-Sindku u skużat ruħha minħabba li ma kienitx taf li dakinhar kien hemm attività tal-Kunsill u bl-ebda mod ma riedet toskura din l-attività. Is-Sindku żied jgħid li l-Ministru Dalli wkoll espremiet id-disjpajċir tagħha miegħu li din l-għaqda ma ħaditx ħsieb tnaddaf il-qabar ta' Dun Karm la darba stiednuha biex tpoġġi kuruna tal-fjuri fuqu.

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li ma jistax jifhem kif tista titwaqqaf għaqda f' lokalità b' risq il-patrimonju Żebbuġi, meta skond id-

dispożizzjonijiet tal-liġi huwa l-Kunsill li għandu jħares il-patrimonju Żebbuġi. Is-Sindku kompla jgħid li huwa kien jippretendi li qabel mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji jirregistra tali fondazzjoni għandu jikkonsulta mal-Kunsill Lokali konċernat.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-petizzjoni li saret mill-Kunsill għas-sur Carmelo Falzon. L-uffiċċju tal-President fl-10 ta' Ottubru għadda din il-petizzjoni lis-Segretarju Parlamentari għal-Ġustizzja. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa bagħat email lis-Segretarju Parlamentari u anke bagħtlu reminder. Is-Sindku qal li huwa kien se jkompli jsegwi dan il-każ.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti qara ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġenituri tal-iskola Primarja fejn dawn talbu lill-Kunsill sabiex jagħti s-sapport tiegħu lit-talba tagħhom biex l-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ ma' tiċċaqlaqx mill-Kulleġġ San Injazju għal dak tal-Kulleġġ San Nikola, u jibqa' kollox kif inhu. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li s-Sindku jikteb ittra ta' appoġġ lil dawn il-ġenituri f' isem il-Kunsill.

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsilliera li f' laqgħat preċedenti s-Segretarju kien ta' n-notice u nforma lill-Kunsill li kien qiegħed jaħseb biex jibda avventura ġdida fil-karriera tiegħu. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fil-ġimgħa ta' qabel il-laqgħa attwali kien ġie publikat il-*pool* ta' persuni li huma eleġibbli biex jokkupaw ir-rwol ta' Segretarju Eżekuttiv u għalhekk huwa kien qiegħed jipproponi sabiex il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment sabiex jinbdew il-proċeduri neċessarji sabiex jinstab Segretarju ieħor. Is-Sindku Alfred Grixti ssuġġerixxa li l-Bord tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikazzjoni tat-Tenders jaġixxi bħala *interviewing bord* bħalma ġara fil-każ tal-inġaġġ tal-ħaddiema klerikali. Kien hemm qbil dwar dan.

3.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill każ rigwardanti Christian Curmi li jarma bil-ħaxix fi Triq Luret Vella bil-permess ta' *street hawker*. Is-Sindku spjega li s-sur Curmi fil-passat kellu problemi ta' abbuż ta' droga u kien beda il-programm ta' riabilitazzjoni ġewwa San Blas. Is-Sindku Alfred Grixti qal li rċieva ittra mingħand is-soru li tieħu ħsieb issegwi dan il-programm fejn qalet li jekk is-sur Curmi jsib l-appoġġ tal-Kunsill biex iżomm impjieg regolari jkun qiegħed jgħin ir-riabilitazzjoni tiegħu. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-aħħar ġimgħat kien hemm numru ta' rapporti lill-pulizija fuq Christian Curmi minħabba li dan kien armat fi triq tal-Monti mingħajr ma kellu permess ta' *market hawker*. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kellu deċiżjoni li ma joħroġx aktar permessi għax ma kienx hemm aktar post fuq il-monti u għalhekk staqsa lill-Kunsilliera jekk riedux jikkunsidraw li jagħmlu eċċezzjoni fuq bażi umanitarja fil-każ ta' Christian Curmi biex jingħata permess sabiex jarma fi Triq Luret Vella b' mod permanenti minħabba li kien għaddej bil-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-

droga. Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li din it-talba ma tintlaqax għax tiddiskrimina kontra min dejjem ġab ruħu sewwa u ma kisirx il-liġijiet tal-pajjiż.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2.1. Il-Kunsillier Catherine Sammut reġgħet ġibdet l-attenzjoni fuq xogħol li mhux qed isir tajjeb min naħa tal-kuntrattur li jieħu ħsieb is-*soft areas*. Hija semmiet b' mod partikolari ħafna ħaxix fi Ġnien l-Infetti.

4.2.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

4.2.3. Il-Kunsillier George Cortis issuġġerixxa li l-ħamrija tal-bandli tiġi mgħottija bi żrar bħal ma jsir f' roundabouts f' toroq prinċipali.

4.2.4. Il-Kunsilliera Sammut ressqet suġġeriment sabiex il-Kunsilliera jkollhom l-opportunità li jirrevedu l-kundizzjonijiet tat-*tender* qabel ma' dawn joħorġu. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li fl-aħħar laqgħa, meta s-Segretarju ħabbar il-bżonn li jinħarġu dawn it-tenders, il-kunsilliera ġew mistiedna jmorru l-Kunsill ħalli jagħmlu dan u ħadd ma mar.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsillieri Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ivvota favur iżda ivvota kontra fuq punt 6.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Robert Tabone ivvota favur iżda astjena fuq punt 4.

Il-pagamenti ġew approvati (116).

4.4.1. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsilliera li in relazzjoni mal-proġett ta' Vjal il-Ħelsien il-Kunsill kellu kawża pendenti mal-Onor. Dr. Godfrey Farrugia, filwaqt li kien hemm talba għal ħsarat mis-sur Charles Agius. Is-Sindku qal li kien hemm diskussjonijiet fit-tul bejn l-avukati tal-partijiet. Is-Sindku spjega li l-perit tal-Qorti kien f' punt li ma setgħax jistabilixxi eżatt dak li kkawża l-ħsara mingħajr ma jerġa' jħaffer fir-residenza ta' Dr.

Farrugia u joħloq inkonvenjent ikbar, ħaġa li l-Kunsill ma kellux il-ħsieb li jagħmel. Allura l-Qorti talbet lil partijiet biex isir tenttativ ieħor li jintlaħaq ftehim qabel ma jsiru dawn il-ħofor. Is-Sindku qal li huwa dejjem qal li kwalunkwe ftehim isir ikun bonarju basta l-ammont ikun raġjonevoli u ma jkunx preċedent li qisu l-Kunsill qiegħed jammetti xi ħtija. Is-Sindku qal li l-parir li kellu mill-avukat kien li l-Kunsill jista' jimxi strettament mal-liġi għax il-kuntrattur ħalla distanza oltre minn dak li tistabilixxi l-liġi, u huwa kien qal li jekk it-talba kienet se tibqa' dik ta' €45,000, huwa żgur ma kienx se jaċċetta din it-talba.

4.4.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li l-kuntrattur suppost kien kopert b' *insurance* allura ma jistax jifhem kif din il-ħsara ma kienitx se tagħmel tajjeb għaliha l-*insurance*. Is-Sindku spjega li l-*insurance* tal-kuntrattur la darba l-kuntrattur ħaffer oltre d-distanza stabilita mil-liġi ma tridx tħallas dan il-kumpens. Is-Sindku spjega wkoll li Dr. Farrugia għamel mandat ta' sekwestru lill-kuntrattur ta' €42,000.

4.4.3. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' dan l-avukati kienu qed jissuġġerixxu li jintlaħaq ftehim bonarju u dan il-ftehim abbażi tar-rapport tal-ħsarat li prepara l-Perit tal-Kunsill li kien ferm differenti minn dak li ppreżenta Dr. Farrugia. Is-Sindku spjega li ntlaħaq ftehim fuq is-somma ta' madwar €9,000 bl-ispejjeż tal-Qorti li jinqasmu bejn il-Kunsill u l-kuntrattur. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa ta' struzzjonijiet lill-avukat sabiex jipproċedi b' dan il-ftehim.

4.4.4. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab li jkun jaf jekk il-perit tal-Kunsill huwiex inkluż f' dan il-ftehim. Il-Kunsillier Dr. Aquilina qal li Dr. Farrugia kellu kull dritt li jitlob kumpens minħabba li qabel il-proġett id-dar tiegħu kienet tajba, il-Kunsillier Dr. Aquilina kompla jgħid li dak li jintressa lilu huwa kellux iħallas il-Kunsill għal dan il-kumpens. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jaqbel li l-Kunsill ma kienx jaħti, u li għandu nformazzjoni li s-sur Agius kien intenzjonat li jaċetta l-istess tip ta' ftehim fuq is-somma tar-rapport tal-perit tal-Kunsill.

4.4.5. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li filwaqt li jaqbel li fil-każ tal-ftehim ma' Dr. Farrugia huwa jaqbel li jipproċedi imma jixtieq li l-avukat tal-Kunsill jispjegalu għala l-Kunsill kellu jerfa' biċċa mill-piż.

4.4.6. Il-Kunsillier George Cortis talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.05pm.

4.4.7. Il-laqgħa tkompliet fit-8.20pm. Kien hemm qbil li jiġu mwaqfa d-diskussjonijiet mas-sur Agius u l-Kunsill għandu jikkunsidra x' passi jista' jieħu biex jissalvagwardja l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' dawn il-pretensjonijiet meta l-pożizzjoni tal-Kunsill hija li hu m' għandux ħtija, u jiġi stabilit eżattament min għandu jaħti.

## 5. TENDER TIŻJIN TAL-MILIED

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għal din sejħa kien hemm offerta waħda li nfetħet fil-presenza tal-Kunsilliera George Cortis u Robert Tabone qabel il-laqgħa. L-offerta kienet tal-kuntrattur Lawrence Cassar li ħa ħsieb l-armar tal-Milied fl-aħħar snin. Is-Segretarju spjega li l-kuntrattur naqas jissottometti xi dokumenti mitluba bħal ma huma l-esperjenza tal-kuntrattur, il-profil tal-kumpanija, u l-*proof of third party insurance.* Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li s-sur Cassar ikkwota s-somma ta' €8,300. Is-Segretarju spjega li t-tender preċedenti kien ta' €6,500 fis-sena.

5.2. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li qabel jiġi ffirmat il-kuntratt jiġi negozjat il-prezz għal €7,500 fis-sena u kif ukoll il-kuntrattur għandu jissottometti d-dokument relattivi għall-*insurance*. Kien hemm qbil li l-Kunsillier George Cortis flimkien mas-Segretarju jinnegozjaw il-prezz.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lis-sur Lawrence Cassar wara li jissottometti d-dokumenti neċessarji u jiġi negozjat il-prezz. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsillieri Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata. (117)

## 6. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1. Il-Kunsillier George Cortis ġibed l-attenzjoni ħalli titħaffef il-ħidma fuq l-installazjoni ta' *cameras* ta' sigurta fil-Kunsill.

6.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-problemi ta' ħruġ minn Ħaż-Żebbuġ speċjalment ħdejn ir-roundabout ta' Mikiel Anton Vassalli. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar li l-Kunsill għandu l-pjanti u l-proposti tiegħu lesti, u dawn il-pjanti jinkludu r-*roundabouts* ta' ħdejn is-St. Dorothy's u ħdejn il-Midland Hall. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jinsab iddispjaċut li fid-diskors tal-budget issemmew *roundabouts* oħrajn u dan jista jiġi nterpretat li l-awtoritajiet ma kienux qegħdin jagħrfu l-problema eżistenti.

6.3. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ressaq ilment dwar *zebra crossing* li saret b' mod temporanju f' Main Street, li kien qed jipparkjaw fuqha l-karozzi u kienet mingħajr skop. Il-Project Manager spjega li din saret hemm bħala *traffic calming measure* minflok *sleeping policeman* li kien hemm eżistenti u li tneħħiet wara xi lmenti ta' residenti. Is-Sindku Alfred Grixt qal li huwa qatt ma għamel sinjali jew bozoz bla permess u allura ma jittollerax li xi ħadd imur minn wara dahru għand Transport Malta.

6.4. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina kkummenta dwar każ fejn *warden* kien qiegħed iħarrek persuni li kienu pparkjati f' Main Street. Il-Kunsillier Aquilina talab biex forsi jkun hemm indikazzjoni aktar ċara li dawn is-sinjali kienu *parking bays*, jew inkella ninfurmaw lill-awtoritajiet responsabli mill-*wardens*. Is-Sindku Alfred Grixti spjega kif il-*wardens* u l-operat tagħhom kien f' idejn ir-Reġjun iżda qal li fl-aħħa ir-Reġjun reġa appunta *Authorised Officer* u hekk il-Kunsill seta jressaq l-ilmenti tiegħu.

6.5. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab li ssir *parking bay* faċċata tal-ħanut tal-lottu f' Main Street.

6.6. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet ilment fuq *sleeping policeman* fi Triq Campis biex tinqasam ħalli ma jeħilx l-ilma tax-xita.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għad-9 ta' Jannar fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |